BANK ĊENTRALI TA' MALTA
EUROSISTEMA
CENTRAL BANK OF MALTA

STATISTIKA MONETARJA TA' KULL XAHAR

**Ħarġa Nru.** **07/2012**

**Data tal-pubblikazzjoni:** **3 ta' Diċembru 2012**

**Lulju 2012**

**Il-kontribuzzjoni ta' Malta għall-aggregati monetarji u l-kontropartijiet taż-żona tal-euro**

Il-kontribuzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM) residenti f'Malta għall-aggregat monetarju sħiħ (M3) taż-żona tal-euro kibret b'EUR195 miljun, jew 1.9%, f'Lulju, biex laħqet EUR10.2 biljun (ara Tabella 1). Minħabba f'hekk, ir-rata tat-tkabbir annwali aċċellerat għal 8.0% minn 5.6% ix-xahar ta' qabel.

Iż-żieda fix-xahar fil-kontribuzzjoni Maltija għall-M3 taż-żona tal-euro M3 seħħet l-iktar minħabba tkabbir fil-komponent monetarju intermedju (M2), li kiber b'EUR193.2 miljun, jew 2.0%. Kollox ma' kollox, ir-rata tat-tkabbir annwali fl-M2 aċċellerat għal 8.2% f'Lulju minn 5.7% ix-xahar ta' qabel. Ċaqliq f'titoli negozjabbli, l-aktar minħabba żieda fl-ammont ta' ishma maħruġa minn fondi tas-suq monetarju, ukoll taw kontribut, għalkemm b'rata ħafna anqas.

Iż-żieda f'M2 kienet dovuta primarjament għal tkabbir fid-depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas. Dawn kibru b'EUR114.9 miljun, jew 3.0%, l-aktar minħabba żieda fil-bilanċi miżmuma minn kumpaniji privati mhux finanzjarji u individwi. Id-depożiti li jinfdew b'avviż sa tliet xhur, li wkoll jagħmlu parti mill-komponent monetarju intermedju, naqsu moderatament matul dan il-żmien.

Sadattant, il-komponent monetarju ristrett (M1), jiġifieri l-kumplament tal-komponent M2, ukoll ta kontribut sostanzjali għaż-żieda fl-M3. Matul Lulju, l-M1 kiber b'EUR81.4 miljun, jew 1.4%, minħabba żieda fid-depożiti *overnight*, li kibru b'EUR75 miljun, jew 1.5%. Dan irrifletta l-aktar f'żieda fil-bilanċi miżmuma minn individwi u kumpaniji privati mhux finanzjarji. Din iż-żieda pattiet għal kollox għal tnaqqis sostanzjali fil-bilanċi ta' intermedjarji finanzjarji li mhumiex banek. Flus maħruġa wkoll żdiedu matul dal-perjodu. Madankollu r-rata tat-tkabbir annwali fl-M1 tilfet ir-rankatura u naqset għal 11.3% minn 12.3% f'Ġunju.

Fir-rigward tal-kontropartijiet tal-M3, il-kreditu lir-residenti taż-żona tal-euro kiber b'EUR321.7 miljun, jew 2.1% f'Lulju, u b'hekk reġġa' lura t-tnaqqis li kien hemm f'Ġunju. Dan it-tkabbir jirrifletti żieda sostanzjali fil-kreditu lil residenti barra l-gvern ġenerali, li żdied b'EUR591.9 miljun, jew 5.2%. Dan prinċipalment kopra żieda fl-ammont miżmuma mill-banek ta' titoli maħruġa minn intermedjarji finanzjarji li mhumiex banek u li huma residenti f'pajjiżi oħra fiż-żona tal-euro. Mill-banda l-oħra, il-kreditu lill-gvern ġenerali naqas b'EUR270.2 miljun, jew 6.5%, l-aktar wara li seħħ

aktar tnaqqis fl-ammonti miżmuma mill-banek ta' titoli maħruġa minn gvernijiet fiż-żona tal-euro. Għaldaqstant, ir-rata tat-tkabbir annwali tal-kreditu rrankat għal 7.5% minn 5.9% xahar qabel.

Il-kontroparti esterna tal-M3, li tirrifletti transazzjonijiet bejn l-IFM Maltin u residenti ta' pajjiżi barra ż-żona tal-euro, naqset b'Eur1.1 biljun, jew 9.9%, hekk kif l-obbligazzjonijiet żdiedu b'rata ħafna aktar mgħaġġla mill-assi. L-obbligazzjonijiet żdiedu b'EUR2 biljun, jew 8.9%. Iż-żieda seħħet minħabba volum akbar ta' depożiti fissi ta' banek residenti barra ż-żona tal-euro, flimkien ma' self akbar permezz ta' ftehim għal xiri mill-ġdid. Sadattant, iż-żieda fl-assi kienet ta' EUR961.9 miljun, jew 2.9%, u rriflettiet prinċipalment tkabbir ieħor fl-ammont ta' bonds ta' gvernijiet ta' pajjiżi barra ż-żona tal-euro li, flimkien ma' żieda fid-depożiti miżmuma ma' banek barra ż-żona tal-euro, pattew għal tnaqqis fis-self lir-residenti barra ż-żona tal-euro.

Il-kontropartijiet l-oħra tal-M3 naqsu b'EUR947.7 miljun, jew 5.8%, minħabba tnaqqis fl-obbligazzjonijiet oħra (netti). Din is-sitwazzjoni rriflettiet transazzjonijiet ma' banek oħra fiż-żona tal-euro, għalkemm kellu sehem ukoll it-tnaqqis fil-ftehim għal xiri mill-ġdid minn intermedjarji finanzjarji li mhumiex banek. Sadattant,l-obbligazzjonijiet lill-gvern ċentrali wkoll naqsu. Żieda f'obbligazzjonijiet finanzjarji fuq żmien itwal pattiet parzjalment għal dan it-tnaqqis.

**Transazzjonijiet ma' residenti Maltin: depożiti u self**

F'Lulju, id-depożiti ta' residenti Maltin miżmuma ma' IFM Maltin żdiedu b'EUR107.4 miljun, jew 1.2%, hekk kif depożiti *overnight* u depożiti fissi fuq żmien qasir għolew (ara Tabella 2). B'kuntrarju għal dan, l-ammont tad-depożiti għat-tfaddil fuq żmien qasir naqas ftit. Kollox ma' kollox, ir-rata tat-tkabbir annwali tad-depożiti totali naqset bi ftit għal 6.1% minn 6.2% f'Ġunju.

Id-depożiti *overnight* żdiedu b'EUR69.4 miljun, jew 1.4%, hekk kif ammonti ogħla miżmuma minn individwi u kumpaniji privati mhux finanzjarji għelbu tnaqqis fid-depożiti ta' intermedjarji finanzjarji li mhumiex banek. Id-depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas żdiedu b'EUR41.1 miljun, jew 1.1%, matul Lulju. Dan it-tkabbir irrifletta wkoll żieda fil-bilanċi miżmuma minn individwi u kumpaniji privati mhux finanzjarji. Min-naħa l-oħra, id-depożiti li jinfdew b'avviż sa tliet xhur jew anqas naqsu bi EUR3.1 miljuni, jew 2.1%, l-iktar minħabba bilanċi iżgħar miżmuma minn individwi u intermedjarji finanzjarji li mhumiex banek.

Il-kreditu maħruġ minn IFM residenti f'Malta lil residenti ta' Malta kiber b'EUR65.0 miljun, jew 0.6%, f'Lulju. Dan irrifletta żieda fil-kreditu kemm lill-gvern ġenerali u lil setturi oħra. Minkejja dan, għalkemm il-kreditu kien żdied b'ammont ferm akbar fl-istess xahrejn tas-sena ta' qabel, ir-rata tat-tkabbir annwali naqset għal 5.7% f'Lulju minn 5.9% f'Ġunju.

Il-kreditu lill-gvern ġenerali kiber b'EUR51.8 miljun, jew 2.1%, hekk kif il-banek komplew iżidu l-portafoll tagħhom ta' titoli ta' dejn tal-gvern matul dan ix-xahar. Għaldaqstant, ir-rata tat-tkabbir annwali korrispondenti rrankat u laħqet 11.6% minn 10.6% ix-xahar ta' qabel.

Bl-istess mod, il-kreditu lil residenti barra l-gvern ġenerali kiber bi EUR13.2 miljun, jew 0.2%, wara żieda fl-ammont ta' self mogħti lil individwi – l-aktar għall-iffinanzjar ta' xiri tad-djar – u żieda fl-ammont miżmum mill-banek ta' ishma maħruġa minn intermedjarji finanzjarji li mhumiex banek. Madankollu, ir-rata tat-tkabbir annwali ta' kreditu lil residenti oħra naqset għal 4.1% minn 4.7% f'Ġunju.

## Assi barranin netti tal-IFM Maltin

L-assi barranin netti tal-IFM Maltin żdiedu b'EUR270.4 miljun, jew 2.3%, f'Lulju, hekk kif żieda konsiderevoli fl-assi barranin pattiet għal tkabbir żgħir fl-obbligazzjonijiet (ara Tabella 2).[1] Tal-ewwel kienu riżultat ta' depożiti akbar miżmuma ma' banek mhux residenti, flimkien ma' ammont akbar ta' titoli maħruġa minn residenti barranin. Flimkien, dawn pattew għat-tnaqqis fis-self lil dawk mhux residenti f'Malta. L-obbligazzjonijiet barranin żdiedu wara dħul ta' fondi minn depożitaturi barranin.

## Rati ta' imgħax bankarji fuq self u depożiti[2]

F'Lulju, ir-rata medja ppeżata tal-imgħax imħallsa minn IFM fuq id-depożiti kollha miżmuma mill-individwi u mill-kumpaniji mhux finanzjarji residenti f'Malta naqset bi ftit, b'punt wieħed bażi għal 1.40% mil-livell ta' Ġunju. Ir-rata ppeżata tal-imgħax ta' IFM fuq self pendenti ta' individwi u kumpaniji mhux finanzjarji residenti f'Malta naqset b'żewġ punti bażi għal 4.33%. Meta mqabbla ma' sena qabel, ir-rata tal-imgħax imħallsa fuq id-depożiti żdiedet b'żewġ punti bażi filwaqt li dik mitluba fuq is-self naqset b'seba' punti bażi.

***Aktar informazzjoni ekonomika u monetarja tista' tinkiseb mis-sit elettroniku tal-Bank Ċentrali ta' Malta www.centralbankmalta.org***

---

[1] L-assi barranin netti jikkonsistu f'obbligazzjonijiet netti ta' residenti fil-kumplament tad-dinja lejn IFM residenti f'Malta. Ir-residenti fil-kumplament tad-dinja jinkludu residenti barra ż-żona tal-euro u residenti ta' pajjiżi fiż-żona tal-euro barra Malta.

[2] Id-dejta dwar ir-rati tal-imgħax fuq dejn mhux imħallas tkopri id-depożiti tal-IFM f'denominazzjonijiet tal-euro miżmuma mill-individwi u minn kumpaniji mhux finanzjarji residenti f'Malta u s-self mogħti lilhom. L-individwi jinkludu wkoll istituzzjonijiet li jipprovdu servizz lill-individwi bla qligħ. Kumpaniji mhux finanzjarji jinkludu l-intrapriżi kollha minbarra banek, kumpaniji tal-assikurazzjoni u istituzzjonijiet finanzjarji oħra. Għalhekk, din l-istatistika ma tkoprix is-setturi kollha tal-ekonomija.

# BANK ĊENTRALI TA' MALTA

## TABELLA 1: IL-KONTRIBUZZJONI TAL-IFMs RESIDENTI LILL-AGGREGATI MONETARJI TAŻ-ŻONA TAL-EURO U KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI TAGĦHOM(1)(2)

*€ miljuni*

| | Lul-12 | Ġun-12 | Bidla fuq ix-xahar ta' qabel | Bidla perċentwali fuq ix-xahar ta' qabel | Lul-11 | Bidla Annwali | Bidla perċentwali fuq is-sena ta' qabel |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **L-AGGREGATI MONETARJI(3)** | | | | | | | |
| **L-AGGREGAT RISTRETT (M1)** | **5,859.8** | **5,778.4** | **81.4** | **1.4** | **5,264.3** | **595.5** | **11.3** |
| Flus maħruġa(4) | 723.7 | 717.4 | 6.3 | 0.9 | 686.5 | 37.2 | 5.4 |
| Depożiti *overnight* (5) | 5,136.1 | 5,061.1 | 75.0 | 1.5 | 4,577.8 | 558.3 | 12.2 |
| **L-AGGREGAT INTERMEDJU (M2)** | **9,997.6** | **9,804.4** | **193.2** | **2.0** | **9,237.7** | **759.9** | **8.2** |
| L-aggregat ristrett (M1) | 5,859.8 | 5,778.4 | 81.4 | 1.4 | 5,264.3 | 595.5 | 11.3 |
| Depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' 3 xhur jew anqas(5) | 143.3 | 146.3 | -3.1 | -2.1 | 130.8 | 12.4 | 9.5 |
| Depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas(5) | 3,994.5 | 3,879.6 | 114.9 | 3.0 | 3,842.5 | 151.9 | 4.0 |
| **L-AGGREGAT SĦIĦ (M3)** | **10,209.0** | **10,014.0** | **195.0** | **1.9** | **9,448.5** | **760.5** | **8.0** |
| L-aggregat intermedju (M2) | 9,997.6 | 9,804.4 | 193.2 | 2.0 | 9,237.7 | 759.9 | 8.2 |
| Titoli negozjabbli (6) | 211.4 | 209.6 | 1.9 | 0.9 | 210.8 | 0.6 | 0.3 |
| **KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI TAL-M3** | | | | | | | |
| **IL-KONTROPARTI TAS-SELF** | **15,926.3** | **15,604.6** | **321.7** | **2.1** | **14,819.3** | **1,106.9** | **7.5** |
| Self lill-gvern ġenerali | 3,906.8 | 4,177.0 | -270.2 | -6.5 | 4,256.2 | -349.4 | -8.2 |
| Self lil setturi oħra | 12,019.5 | 11,427.6 | 591.9 | 5.2 | 10,563.1 | 1,456.4 | 13.8 |
| **IL-KONTROPARTI ESTERNA** | **9,744.9** | **10,819.2** | **-1,074.3** | **-9.9** | **8,465.8** | **1,279.1** | **15.1** |
| Obbligazzjonijiet ta' residenti barra ż-żona tal-euro | 34,673.6 | 33,711.7 | 961.9 | 2.9 | 29,794.0 | 4,879.6 | 16.4 |
| Obbligazzjonijiet lejn residenti barra ż-żona tal-euro (-) | 24,928.7 | 22,892.4 | 2,036.2 | 8.9 | 21,328.2 | 3,600.5 | 16.9 |
| **IL-KONTROPARTIJIET L-OĦRA (-)** | **15,462.2** | **16,409.8** | **-947.7** | **-5.8** | **13,836.6** | **1,625.6** | **11.7** |
| Obbligazzjonijiet lill-gvern ċentrali | 722.3 | 791.2 | -68.9 | -8.7 | 656.3 | 65.9 | 10.0 |
| Obligazzjonijiet finanzjarji fuq żmien itwal | 12,513.3 | 12,162.4 | 350.9 | 2.9 | 11,625.7 | 887.6 | 7.6 |
| Obbligazzjonijiet oħra (netti) | 2,226.6 | 3,456.3 | -1,229.7 | -35.6 | 1,554.5 | 672.1 | 43.2 |

(1) It-totali jistgħu ma jaqblux mas-somma tal-komponenti minħabba rrawndjar.

(2) Il-figuri juru l-kontribuzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM) Maltin għat-totali taż-żona tal-euro.

(3) Data dwar l-aggregati monetarji jinkludu obbligazzjonijiet fuq depożiti kemm lil residenti ta' Malta kif ukoll lil residenti oħra fiż-żona tal-euro.

(4) Dan ma jirrappreżentax kejl tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni f'Malta. Dan jinkludi s-sehem tal-Bank Ċentrali ta' Malta mill-karti tal-flus tal-euro maħruġa mill-Eurosistema, skont l-*allocation key* tal-karti tal-flus (li tirrifletti s-sehem tal-Bank Ċentrali ta' Malta fil-kapital imħallas tal-BĊE), kif ukoll muniti maħruġa mill-Bank f'isem it-Teżor wara li jiġi mnaqqas il-valur ta' karti tal-flus u muniti tal-euro miżmuma mis-settur tal-IFM. Għall-2008, ġew inklużi l-karti tal-flus u l-muniti tal-lira Maltija li għadhom ma ssarrfux. Dan għalhekk jirrappreżenta l-ammont li jifdal ta' flus li nħarġu wara li jitnaqqsu l-karti tal-flus u l-muniti tal-euro (u temporanjament il-flus tal-lira Maltija) miżmuma minn IFM f'Malta.

(5) Id-depożiti ma' IFM ma jinkludux depożiti ta' bejn il-banek u depożiti miżmuma mill-gvern ċentrali.

(6) Titoli negozjabbli jinkludu titoli ta' dejn b'maturita' ta' sentejn jew anqas maħruġa minn IFM f'Malta wara li jitnaqqas l-ammont tal-istess titoli miżmuma minn IFM f'Malta li nħarġu minn IFM f'postijiet oħra fiż-żona tal-euro. Din il-filliera turi l-ammonti netti (ħruġ ta' titoli bl-ammont miżmum minn IFM f'Malta mnaqqas) u jistgħu jkunu negattivi. Il-figuri jinkludu wkoll ishma/unitajiet ta' fondi tas-suq monetarju u ftehim għal xiri mill-ġdid li mhumiex immexxija minn kontropartijiet ċentrali.

Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.

# BANK ĊENTRALI TA' MALTA

## TABELLA 2: ŻVILUPPI FID-DEPOŻITI U FIS-SELF TA' RESIDENTI TA' MALTA U KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI(1)

*€ miljuni*

| | Lul-12 | Ġun-12 | Bidla fuq ix-xahar ta' qabel | Bidla perċentwali fuq ix-xahar ta' qabel | Lul-11 | Bidla Annwali | Bidla perċentwali fuq is-sena ta' qabel |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **DEPOŻITI** | | | | | | | |
| **DEPOŻITI TOTALI TA' RESIDENTI(2)** | **8,769.3** | **8,661.9** | **107.4** | **1.2** | **8,266.9** | **502.4** | **6.1** |
| Depożiti *overnight* | 4,954.5 | 4,885.0 | 69.4 | 1.4 | 4,448.9 | 505.5 | 11.4 |
| Depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' 3 xhur jew anqas | 141.1 | 144.2 | -3.1 | -2.1 | 129.3 | 11.8 | 9.1 |
| Depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas | 3,673.7 | 3,632.6 | 41.1 | 1.1 | 3,688.6 | -14.9 | -0.4 |
| **KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI** | | | | | | | |
| **SELF TOTALI LIL RESIDENTI** | **11,162.3** | **11,097.3** | **65.0** | **0.6** | **10,562.9** | **599.4** | **5.7** |
| Self lill-gvern ġenerali | 2,502.2 | 2,450.4 | 51.8 | 2.1 | 2,242.1 | 260.1 | 11.6 |
| Self lil setturi oħra | 8,660.1 | 8,646.9 | 13.2 | 0.2 | 8,320.8 | 339.3 | 4.1 |
| **ASSI NETTI BARRANIN** | **12,026.1** | **11,755.7** | **270.4** | **2.3** | **11,113.5** | **912.6** | **8.2** |
| Obbligazzjonijiet ta' residenti barranin | 45,482.2 | 43,483.4 | 1,998.8 | 4.6 | 41,226.6 | 4,255.6 | 10.3 |
| Obbligazzjonijiet lejn residenti barranin (-) | 33,456.1 | 31,727.7 | 1,728.4 | 5.4 | 30,113.1 | 3,343.0 | 11.1 |

(1) It-totali jistgħu ma jaqblux mas-somma tal-komponenti minħabba rrawndjar.
(2) Id-depożiti ma' IFM ma jinkludux depożiti ta' bejn il-banek u depożiti miżmuma mill-gvern ċentrali.

Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.